MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 559/2012

**Appell Numru: 559/2012 MM**

**Il-Pulizija
Spettur Angelo Gafa
Vs
Paul Chectuti Caruana**

Illum, 19 ta' Frar, 2014
Il-Qorti,
Rat l-akkuzi kontra l-appellant **Paul Chetcuti Caruana** detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 910148M li gie akkuzat talli:
F' dawn il-gzejjer, f'Jannar, 2011, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Paul Agius, kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Mosta, wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali sabet

lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu mhulta ta’ tlett mija u hamsin ewro (€350).
Rat ir-rikors tal-appellant Dr. Paul Chetcuti Caruana, pprezentat fl-4 ta’ Dicembru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija fejn sabet htija tal-akkuza kif dedotta lill-appellanti u kkundannatu multa ta’ tlett mija u hamsin euro (€350) u minnha tilliberah.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Dr. Paul Chetcuti Caruana w cioe':-

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi ma jirrizultawx l-elementi mehtiega biex jigi ppruvat il-kaz ta’ ingurja, kalunja etc. l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ malta u dan peress li l-appellanti qatt ma kellu l-animus inguriandi imma intenzjoni dejjem kienet wahda unika li jirraporta biex ssir investigazzjoni fuq suspett serju ta’ kaz ta’ korruzzjoni mill-istess awtoritajiet.
2. Illi fl-ebda stadju ma l-appellanti qal li l-kwerelanti Agius huwa korrott fil-pubbliku imma uza l-kelma f’kuntest ta’ denuzja bhala suspett ta’ korruzzjoni bhala cittadin hieles u fil-kwalifika ta’ responsabbilita ta’ sindku li qed jirraporta lill-istess awtoritajiet u ghalhekk l-intenzjoni ma kinitx dik li jingurja imma li l-pulizija tinvestiga kif effettivament ghamlet u li wara l-kaz sa tefghat il-file tar-raport tal-appellanti put away.
3. Minghajr pregudizzju il-Qorti ghamlet ukoll apprezzament hazin tal-fatti kif jirrizultaw u li l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 b’dan ir-rigward qatt ma seta jirrizulta, u kull mod l-uniku possibilita kien l-applikazzjoni ta’ piena kontravenzjonali li f’dan ir-rigward qatt ma seta jirrizulta, u kull mod l-unika possibilita kien l-applikazzzjoni ta’ piena kontravenzjonali li f’dan il-kaz kienet diga preskritta minn meta saret l-kwerela tal-kwerelant Pawlu Agius;

4. Illi s-sentenza moghtija hija wahda nieqsa ghall-ahhar mill-motivazzjoni li biha l-Qorti waslet ghall-htija tal-appellanti u ghalhekk hija nulla.
5. salv aggravji ohra li jigu trattati oralment.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fi zmien inkwistjoni, Jannar tal-elfejn u hdax (2011) l-appellant kien is-sindku tal-kunsill lokali tal-Mosta. Fl-erbgha (4) ta’ Jannar tal-elfejn u hdax (2011) kiteb lill-awtoritajiet tal-pulizija lill-Assistent Kummissarju Michael Cassar illi f’dawk l-ahhar sentejn qabel id-data tal-ittra kien qed ikun mhedded minn kunsillier Pawlu Agius illi jekk ma jinghatax tender lil kumpanija partikolari dan Agius jirrizenja mill-grupp tal-partit tas-sindku biex b’hekk tintilef il-maggoranza. Fl-ittra lill-pulizija l-appellant qal, “Ghalhekk nitolbok tiehu l-passi kollha skont il-ligi biex dawn l-affarijiet jiefqu. Mhuwiex sewwa u xieraq li dan il-bniedem korrott u li ma jisthi minn xejn (fuq tal-ahhar inkellmek ras imb'ras) jibda jhedded lill-kunsill ghax jaf li tlift il-maggoranza ta’ wiehed ...”.

Pawlu Agius hassu malafamat jew ingurjat b’dan id-diskors iktar u iktar meta l-appellant ghajjru bhala bniedem “korrott” u ghalhekk ghamel rapport lill-pulizija biex jipprocedu kontra l-appellant fl-isfond tal-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali. Il-pulizija hekk ghamlet u l-Qorti tal-Magistrati b’sentenza tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Novembru tal-elfejn u tnax (2012) sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal multa ta’ tlett mija u hamsin ewro (€ 350).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn l-aggravju tieghu kien illi huwa ma kellux l-*animus inguriandi* imma intenzjoni kienet dejjem wahda unika li jirrapporta biex issir l-investigazzjoni fuq suspett serju ta’ kaz ta’ korruzzjoni. Terga’ qatt ma ghajjar lil Agius korrott fil-pubbliku imma uza dik il-kelma bhala cittadin hieles u fil-kwalifika ta’ responsabiltà ta’ sindku sabiex il-pulizija tinvestiga certa allegazzjonijiet. Fl-ahhar appellant ilmenta illi s-sentenza

hija nulla ghax nieqsa ghall-ahhar mill-motivazzjoni illi biha sabet lill-appellant hati.

Ikkunsidrat:

Tibda biex titratta l-ahhar aggravvju tan-nullità tas-sentenza.

Skont l-artikolu 382 tal-Kap. 9 il-Qorti "meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikoli ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat." L-appellant qieghed jghid illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati hija nieqsa ghal kollox mill-motivazzjoni u mill-fatti illi taghhom l-appellant kien gie misjub hati.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti fuq procedura sommarja fid-distrett tal-Mosta f'liema kaz allura l-Qorti tal-Magistrati biex tissodisfa l-vot tal-ligi kien ikun bizzejjed li taghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fic-citazzjoni, tindika l-artikoli tal-ligi u taghmel id-dikjarazzjoni ta' htija o meno u jekk ikun il-kaz, il-piena. M'ghandhiex ghalfejn terga' tirrepeti b'mod aktar dettaljat il-fatti kif jidhru fil-bidu tac-citazzjoni peress illi jekk ippruvati, l-Qorti tista' taghmel pjena riferenza ghalihom u xejn aktar. F'dan il-kaz il-Qorti hekk ghamlet u teknikament ma hemm xejn hazin fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Però din il-Qorti tirrileva illi mhux il-kawzi kollha sommarji ghandhom jimxu bl-istess mod peress illi certa kawzi ghad illi jkunu bdew bi procedura sommarja jkunu ta' certa importanza u tajjeb illi tinghata motivazzjoni ghar-ragunament tal-Qorti. F'dan il-kaz il-motivazzjoni hija nieqsa kompletament u hawnhekk din il-Qorti thoss illi ghandha ticcensura 'l-Qorti tal-Magistrati peress illi f'kawza bhal din kien jimmerita motivazzjoni u konsiderazzjonijiet u mhux taqbad u tiddeciedi fuq il-htija o meno minghajr ma taghmel l-icken motivazzjoni jew konsiderazzjoni. Il-Magistrat ghandha taghraf tiddistingwi l-importanza ta' kawza minn ohra u fejn normalment forsi jkollha ragun illi ma jkollhiex ghalfejn tidhol fil-motivazzjoni, certa kawzi però min-natura

taghhom stess jirrikjedu aktar studju, motivazzjoni u konsiderazzjonijiet, u dina hija proprja wahda minnhom fejn il-Qorti imissha tat aktar importanza ghas-serjetà ta' din il-kawza u l-konsegwenzi taghha. Hi x'inhi, però, bhalma già inghad, teknikament l-ewwel Qorti kienet korretta bil-mod kif kitbet is-sentenza u ma tistax din il-Qorti tilqa' t-talba ta' nullità tal-appellant.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, l-appellant jirrikonoxxi illi huwa kiteb lill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija fejn huwa ghajjar lil Pawlu Agius bhala "korrott." Id-Difiza tieghu hija li din il-kelma ma ntqalitx fil-pubbliku. Il-ligi ma tirrikjedix illi dina ssir biss fil-pubbliku. L-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 hija wiesgha hafna u ssemmi ukoll il-kitba bhala mezz kif tista' tnaqqas il-gieh jew twegga' lil dak li jkun. F'dan il-kaz, l-appellant uza l-kitba bhala mezz biex wegga' u ingurja lil Pawlu Agius meta ghajjru bil-kelma "korrott." Anzi tant kien deciz bl-uzu ta' din il-kelma illi maghha zied illi l-istess Pawlu Agius ma jisthi minn xejn, u anke ried jelabora fuq dan meta issuggerixxa illi jkellem lill-Assistent Kummissarju ras imb'ras. Altru li ma kellux l-animu illi huwa jwegga' jew jingurja lil Pawlu Agius!

Din il-Qorti ghandha l-konfort ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet "Prim Ministru Alfred Sant versu Dottor Austin Gatt u Michael Caruana" fejn inghad car u tond illi huwa defamatorju illi tghajjar persuna "korrott" jekk ma jingibux provi sabiex tigi sostanzjata din l-allegazzjoni. Mhux talli din l-allegazzjoni ma gietx sostanzjata izda l-istess appellant fir-rikors tal-appellant tieghu jaghmilha cara illi wara l-investigazzjoni tal-pulizija ma rrizultalhomx kaz kontra l-istess Agius (fol 115).

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-appellant bl-uzu ta' dik il-kelma fl-ittra li baghat lill-Assisstent Kummissarju tal-Pulizija kiser il-vot tal-ligi meta naqqas il-gieh u wegga' lill-allura kunsillier Paul Agius b'kitba fl-isfond tal-artikolu fuq imsemmi 252(1) tal-Kap. 9. Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha kemm ghal dak li huwa l-mertu kif ukoll il-

piena u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------